MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2015

Citazzjoni Numru. 849/2014

**Q Stone Limited (C52046)**

**vs**

**CFF Filiberti SRL, kumpannija estera reġistrata ġewwa l-Italja**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Maħluf tas-soċjetà attriċi li bih ippremettiet u għamlet is-segwenti talbiet:

1. *Il-kumpannija konventa hija debitriċi tal-kumpannija esponenti fl-ammont ta' wieħed u tletin elf ħames mija wieħed u sebgħin euro u għaxar ċenteżmi (€31,571.10) rappreżentanti ammont ulterjuri dovut mill-kumpannija konvenuta lill-kumpanija esponenti għall-provvista u bejgħ ta' ġebel u materjal oltre l-ammont ġja reklamat fil-kawża li għandha n-numru tar-Rikors Maħluf 515/2014MCH fl-ismijiet Q Stone Limited vs CFF Filiberti SRL, li bħalisssa qiegħda tinstema' minn dina l-Onorabbli Qorti, u dan kif jidher mis-'sales statement' kopja ta' liema ġiet annessa u mmarkata bħala 'Dokument QS1;*

2. *Għalkemm il-kumpannija esponenti interpellat kemm-il darba lill-kumpannija konvenuta sabiex tħallas l-imsemmi ammont u saħansitra l-kumpannija konvenuta kienet obbligat ruħha li tħallas lill-kumpannija esponenti b'rati mensili, il-kumpannija konvenuta baqgħet inademjenti;*

3. *Id-dejn dovut mill-kumpannija esponenti huwa ċert, likwidu u dovut u fil-fehma tal-kumpannija esponenti, il-kumpannija konvenuta m'għandhiex eċċezzjonijiet x'tagħti għat-talbiet attriċi;*

4. *Għalhekk jeżistu l-elementi kollha meħtieġa mil-liġi skont l-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex dina l-Onorabbli Qorti tgħaddi sabiex tiddeċiedi dina l-kawża bid-dispensa tas-smigħ;*

*Għaldaqstant wara li jsiu d-dikjarazzjonijiet neċessarji u illi jingħataw il-provvedimenti opportuni, tgħid il-kumpannija konvenuta għaliex m'għandhiex dina l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tal-kumpannija esponenti illi qiegħda hawn titlob illi dina l-Onorabli Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddeċiedi l-kawża skont it-talba bid-dispensa tas-smigħ ai termini tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*
2. *Tiddikjara illi l-kumpannija konvenuta hija debitriċi tal-kumpannija esponenti fl-ammont ta' wieħed u tletin elf ħames mija wieħed u sebgħin euro u għaxar ċenteżmi (€31,571.10) rappreżentanti ammont dovut mill-kumpannija konvenuta lill-kumpannija esponenti għall-provvista u bejgħ ta' ġebel u materjal kif hawn fuq deskritt;*
3. *Tikkundanna lill-kumpannija konvenuta tħallas lill-kumpannija esponenti l-ammont ta' wieħed u tletin elf ħames mija wieħed u sebgħin euro u għaxar ċenteżmi (€31,571.10);*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ppreżentat kontestawalment, kontra l-kumpannija konvenuta, u bl-interessi kummerċjali bl-ogħla rata permissibbli mil-liġi kummerċjali mid-data ta' kull fattura li tirriżulta mis-'sales statement' anness ma' dan ir-Rikors Maħluf sad-data tal-pagament effettiv kontra l-kumpannija konvenuta illi r-rapprezentanti, azzjonisti u diretturi tagħha huma minn issa stess inġunti in subizzjoni. B'riżerva ċara għad-drittijiet kollha spettanti lill-kumpannija esponenti għall-prezz ta' provvisti u bejgħ ulterjuri ta' ġebel u materjal li jistgħu jsiru lill-kumpannija konvenuta.*

Rat illi l-atti tar-Rikors Maħluf ġew debitament notifikati lis-soċjetà konvenuta, iżda hija baqgħet kontumaċi.

Eżaminat l-atti tal-kawża.

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-Rikors Maħluf jirriżultaw ippruvati.

**Il-Qorti għalhekk taqta' u tiddeċidi billi:**

1) **Tilqa' l-ewwel talba tas-soċjetà attriċi u taqta' l-kawża bid-dispensa tas-smigħ;**
2) **Tilqa' t-tieni u t-tielet talba tas-soċjetà attriċi u tikkundanna lis-soċjetà konvenuta biex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' wieħed u tletin elf ħames mija wieħed u sebgħin euro u għaxar ċenteżmi (€31,571.10), bl-imgħaxijiet kummerċjali mid-data ta' kull fattura kif jirriżulta mis-'sales statement' anness mar-Rikors Maħluf, sad-data tal-pagament effettiv;**
3) **Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża.**

Moqrija

**Onor. Dr. Lawrence Mintoff**

**Imħallef**

**Frederick Stagno Navarra**

**Dep. Reġ.**

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------